

Brussell, 21 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14261/25

INST 314
POLGEN 166
AG 162

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 870 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Programm ta' ħidma tal-Kummissjoni 2026 II-Mument tal-Indipendenza tal-Ewropa

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 870 final.

Mehmuż: COM(2025) 870 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 21.10.2025
COM(2025) 870 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Programm ta' ħidma tal-Kummissjoni 2026

Il-Mument tal-Indipendenza tal-Ewropa

1. Introduzzjoni

Minn meta din il-Kummissjoni bdiet il-mandat tagħha, l-Ewropa kellha tikkonfronta dinja fl-aktar stat prekarju tagħha għal għexieren ta' snin. F'dawn l-aħħar xhur rajna theddid għas-sigurtà u għad-demokrazija tagħna, għaddejna minn riskji għall-ekonomija u għall-industrija tagħna, b'mod partikolari fil-forma ta' inkursjonijiet fl-ispazju tal-ajru tagħna u fil-forma ta' impożizzjonijiet ekonomiċi, kif ukoll bil-gwerra ta' aggressjoni li għadha għaddejja tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dawn l-isfidi nħolqu fi żmien meta l-ordni internazzjonali — li fuqu ilhom jiddependu s-sigurtà u l-prosperità tal-Ewropa — qed jikkrolla malajr.

F'dan l-isfond, **dan għandu jkun il-Mument tal-Indipendenza tal-Ewropa**. L-Ewropa trid tintensifika l-isforzi tagħha biex tiżgura u ssawwar il-futur tagħha stess. Biex tiproteġi liċ-ċittadini tagħha mill-impatti tat-tibdil fil-klima u tnaqqas l-impatt tagħna fuq l-ekosistemi. Biex tkun tista' tiegħu ħsieb id-difiża u s-sigurtà tagħha stess. Biex tiegħu kontroll tat-teknoloġiji u tas-sorsi tal-enerġija li se jħaddmu l-ekonomija tagħna. Biex tiddetermina x'tip ta' soċjetà u demokrazija rridu ngħixu fiha. Biex toholoq impjiegi ta' kwalità f'ekonomija moderna u ssaħħaħ il-mudell soċjali tagħna f'kundizzjonijiet demografiċi li qed jinbidlu. Biex tiżviluppa l-futur tal-industrija Ewropea tagħna u tappoġġa lin-negozji ġodda, lin-negozji li qed jespandu u lin-negozji ż-żgħar biex jirnexxu fis-Suq Uniku tagħna. Biex iżżomm l-istandards soċjali, diġitali u ambjentali tagħna. Biex tiżgura li l-bdiewa jirċievu prezz ġust għall-produzzjoni ta' ikel ta' kwalità għolja u biex tiproteġihom minn Prattiki kummerċjali inġusti. Biex tkun miftuħa għad-dinja u biex tagħżel sħubijiet ma' alleati, kemm antiki kif ukoll ġodda. Fl-aħħar mill-aħħar, l-għan huwa li jkollna l-libertà u s-setgħa li niddeterminaw id-destin tagħna stess.

Biex twettaq dan, l-Ewropa trid tibqa' magħquda. Għandha tibbaża fuq is-saħħa kollettiva tagħha u tiffoka fuq l-affarijiet li għandna inkomuni. Trid taġixxi b'ħeffa u mentalità ta' urġenza biex twieġeb għar-rekwiżiti akuti u uniċi tal-mument. Hija teħtieġ kuraġġ u ambizzjoni biex tlaħħaq mad-daqs tal-isfidi. Trid tiffoka fuq dak li huwa l-aktar importanti għall-Ewropej — mill-għoli tal-ħajja sal-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali sal-ħarsien tal-ambjent — u tissimplifika l-mod kif il-liġijiet tagħna jaħdmu għan-nies, il-komunitajiet u l-kumpaniji. Trid tiffoka fuq l-iżgurar tas-sovranià tagħna, kemm jekk fil-qasam diġitali, kif ukoll fl-ekonomija jew fis-sigurtà.

Dawn huma l-prinċipji gwida wara dan il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni. Dan jibbaża fuq il-Linji Gwida Politiċi, l-Ittri ta' Missjoni u l-ideat stabbiliti fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni Ewropea tal-2025 tal-President von der Leyen. Huwa ispirat ukoll minn konsultazzjonijiet mal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri. Dan jiżgura li nibqgħu fit-triq lejn l-għanijiet kollha li qbilna dwarhom b'mod kollettiv u nirrispondu għall-aktar prijoritajiet ġodda urġenti. F'dan l-ispirtu, il-Kummissjoni hija lesta li taħdem mal-istituzzjonijiet u l-partijiet ikkonċernati kollha tal-UE biex twettaq il-prijoritajiet tagħna.

2. Programm għal Ewropa magħquda u indipendenti¹

Dan il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni huwa xprun għall-għaqda, programm għat-twettiq u pjan għall-għaqda u għal Ewropa indipendenti. Huwa strutturat skont it-titoli ewlenin stabbiliti fil-Linji Gwida Politiċi vvutati mill-Parlament Ewropew f'Lulju 2024, aġġornati għar-realtajiet il-ġodda tal-lum.

Il-prosperità u l-kompetittività sostenibbli

L-Ewropa minn dejjem kienet kontinent tal-industrija, l-intrapriża u l-innovazzjoni – li bidlet suritha permezz ta' rivoluzzjonijiet industrijali u teknoloġiċi, kompetizzjoni globali u soċjetajiet li qed jinbidlu. Is-saħħa li għandha hija fil-biċċa l-kbira konsegwenza tas-suq uniku tagħna li jagħti lill-Ewropa ħafna vantaġġi fuq il-kompetituri. Iżda għad hemm wisq ostakli strutturali fuq il-kompetittività tagħna li rridu nkomplu nindirizzaw b'mod urġenti fis-sena li ġejja, u b'hekk titħaffef l-implimentazzjoni sħiħa tar-Rapport ta' Draghi. F'dan l-ispirtu, se nagħmlu aktar proposti biex **nappoġġaw is-setturi industrijali tagħna** billi nibnu fuq il-ħidma li saret permezz tad-Djalogi Strateġiċi li saru mal-industrija fl-ewwel sena tal-mandat. Se nkomplu nappoġġaw lis-**settur awtomobilistiku** biex jindirizza l-isfidi li qed jiffaċċja. Se nagħmlu wkoll proposti biex nipromwovu **karożżi żgħar għall-but ta' kulħadd** u nipprovdu aktar appoġġ għall-**manifattura tal-batteriji**. Barra minn hekk, se naħdmu fuq il-**kiri soċjali tal-karożżi** biex nagħmlu l-vetturi b'emissjonijiet zero aktar aċċessibbli għal kulħadd.

Se niffukaw ukoll fuq **l-isfruttar tal-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku sal-2028** — it-tneħħija tal-ostakli fil-kapital, l-enerġija, is-servizzi u t-telekomunikazzjoni, u l-iffaċilitar tal-**“ħames libertà”** għall-għarfien u l-innovazzjoni permezz taż-**Żona Ewropea tar-Riċerka**. Se nagħmlu n-negozju u l-aċċess għall-finanzi fl-Ewropa aktar faċli għall-kumpaniji kollha, mhux l-inqas għall-kumpaniji innovattivi, in-negozji ġodda u l-SMEs. Se nistabbilixxu **Att dwar l-Innovazzjoni Ewropea** u nwaqqfu **t-28 reġim** għall-kumpaniji kollha li joperaw fis-Suq Uniku, kif ukoll se nressqu l-proposti li fadal biex titlesta l-**Unjoni tat-Tfaddil u l-Investment**. Dan se jinkludi **t-tisħiħ tad-drittijiet tal-azzjonisti** u analiżi komprensiva dwar il-kompetittività fis-settur bankarju tagħna. Barra minn hekk, bl-**Att dwar il-Cloud u l-Iżvilupp tal-IA** u l-**Att Kwantistiku** se nsaħħu s-sovranità diġitali tagħna. U bl-**Att dwar il-Materjali Avanzati** se nappoġġaw it-tmexxija teknoloġika tal-industrija tagħna u l-awtonomija strateġika Ewropea.

Barra minn hekk, se niffinalizzaw **il-linji gwida riveduti tagħna għall-valutazzjoni tal-fużjonijiet** biex nagħtu lill-kumpaniji gwida ċara, aġġornata u pożittiva dwar meta l-operazzjonijiet jistgħu jkunu mistennija li jagħtu spinta lill-innovazzjoni, ir-reżiljenza jew l-investment, filwaqt li nibqgħu leali għall-oġġettivi ewlenin tar-regoli tagħna dwar il-fużjonijiet biex niproteġu s-swieq u l-konsumaturi Ewropej.

¹ Il-pożizzjoni ta' xi inizjattiva fl-annessi aġġustati ma tibdilx ir-responsabbiltajiet kif stabbiliti fl-ittri ta' missjoni mibgħuta lil kull Membru tal-Kulleġġ mill-President von der Leyen.

Biex niżguraw li s-setturi industrijali tagħna bħas-setturi tat-teknoloġija nadifa, is-settur diġitali, is-settur awtomobilistiku u dak spazjali u tad-difiża jkollhom provvisti suffiċjenti u f'waqthom ta' Materja Prima Kritika, se nipproponu l-istabbiliment ta' **Ċentru għall-Materja Prima Kritika** biex jimmonitorja, jixtri u jaħżen b'mod konġunt dawn il-minerali, li huma tant essenzjali għas-sovranità industrijali tagħna.

It-tnaqqis fil-prezzijiet tal-enerġija għall-familji u għall-kumpaniji jibqa' prijorità ewlenija biex tingħata spinta lill-kompetittività u l-indipendenza tagħna, u biex jitnaqqsu d-dipendenzi. Se niżguraw **Unjoni tal-Enerġija** ġenwina billi ntejbju l-governanza tagħha, naġġornaw il-grilji, inneħħu l-konġestjonijiet eżistenti, innaqqsu l-burokrazija għal proġetti transfruntiera tal-enerġija u nagħtu spinta lill-eletrifikazzjoni u r-reżiljenza tas-sistema tal-elettriku. Dan se jkun parti mill-ħidma tagħna biex inżommu lill-Ewropa fit-triq it-tajba biex tilħaq l-għanijiet klimatiċi tagħha u nippreżentaw ukoll **qafas abilitanti** għad-deċennju li ġej li jiżgura l-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-Ewropa. F'dan l-ispirtu, se nfittxu wkoll li nkomplu ntejbju l-varar tal-infrastruttura għall-iċċarġjar elettriku kif ukoll il-provvista ta' fjuwils alternattivi sostenibbli għall-bastimenti u l-inġenji tal-ajru. Barra minn hekk, se nippreżentaw strateġija għall-istabbiliment tal-ewwel impjanti tal-enerġija mill-fużjoni fl-Ewropa, li se jikkontribwixxu għall-indipendenza enerġetika tagħna.

Il-futur tat-teknoloġija nadifa jrid isir fl-Ewropa. Huwa għalhekk li jeħtieġ li naċċelleraw il-ħidma biex nippermettu s-**swieq ewlenin Ewropej**. Dan huwa qasam fejn hemm ħtieġa ċara li issa jiżdied il-momentum — b'mod partikolari fis-swieq ewlenin privati għal materjali nodfa u prodotti sostenibbli. Se nippreżentaw **Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari** biex inrawmu d-domanda u l-provvista ta' prodotti ċirkolari u nnaqqsu d-dipendenzi fuq riżorsi kritiċi, u nkomplu nħaffu l-implimentazzjoni u l-investment skont il-**Patt għal Industrija Nadifa**. Se nressqu proposti dwar l-**akkwist pubbliku** biex nappoġġaw din il-ħidma u niżguraw li l-investment fl-Ewropa u l-oġettivi usa' tagħha jiġu inċentivati. Se nħarsu wkoll lejn modi kif nappoġġaw is-setturi tal-avjazzjoni u ajrunawtiċi tagħna biex inżommu l-kompetittività u t-tmexxija globali tagħhom hekk kif iħejju għat-trasformazzjoni.

Se nkomplu d-djalogu tagħna mal-partijiet ikkonċernati tat-turiżmu u nħejju **Strateġija tat-turiżmu sostenibbli** biex nibbilanċjaw l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali u nsaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza tas-settur.

Era ġdida għad-difiża u s-sigurtà Ewropea

Fl-isfond ta' xenarju ta' theddid li qed jikber u jevolvi, **id-difiża tal-Ewropa trid tiġi żviluppata fl-Ewropa**. Huwa għalhekk li s-sigurtà se tkun ċentrali fil-ħidma kollha tal-Kummissjoni fis-sena li ġejja.

Filwaqt li nibnu fuq il-qafas ta' Thejjiġa 2030, se nsaħħu l-industrija tad-difiża tal-UE u l-kapaċità ta' rispons għat-theddid. L-istrument SAFE se jappoġġa l-akkwist konġunt, jagħti spinta lill-produzzjoni u jgħin biex jingħalqu l-lakuni fil-kapaċità — inkluż billi jinvolvi s-settur tad-difiża tal-Ukrajna u jintegrah fil-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea. Dan se jiġi kkomplementat billi jiġu **ssimplifikati r-regoli sensitivi dwar id-difiża u l-akkwist tas-sigurtà** biex jiġu ffaċilitati l-kooperazzjoni u l-innovazzjoni u tiġi appoġġata

aktar il-bażi industrijali tad-difiża Ewropea kritika tagħna. Filwaqt li nibnu fuq il-**Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża**, se naħdmu fuq inizjattivi ewlenin Ewropej għall-prontezza billi nibdew bl-**Inizjattiva Ewropea għad-Difiża kontra d-Droni**, li hija essenzjali għall-**Għassa tan-Naħa tal-Lvant**, filwaqt li l-programm **Vantaġġ Militari Kwalitattiv** se jiżgura li l-Ukrajna jkollha aċċess immedjat għal fluss kostanti ta' tagħmir militari superjuri.

Bidla fis-sistema kollha lejn il-ġestjoni tal-migrazzjoni u s-sigurtà tal-fruntieri esterni tagħna, li hija komprensiva u aġli, tista' tippermettilna nilqgħu l-isfidi li qed jevolvu li jirriżultaw mill-migrazzjoni illegali. Is-sena d-dieħla se tkun iffukata fuq it-tqegħid fil-prattika b'suċċess tal-**Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil**. Bil-Patt, l-UE se jkollha fis-seħħ sistema li tipprevjeni l-abbuż u tnaqqas il-perssjoni fuq is-sistemi nazzjonali. Dan jibbilanċja responsabbiltà qawwija b'solidarjetà sinifikanti, filwaqt li jiżgura approċċ ġust u sod.

Il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti hija negozju krudili u kriminali. Se nipproponu **sanzjonijiet immirati lejn il-kuntrabandisti u t-traffikanti** biex niffriżaw l-assi, nirrestrinġu l-libertà ta' moviment u naqtagħu l-profitti tagħhom. B'mandat b'saħħtu u korp permanenti msaħħaħ, **il-Frontex, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta**, tista' tespandi l-preżenza tagħha u ssaħħaħ l-appoġġ operazzjonali tagħha. Il-Frontex għandu jkollha rwol b'saħħtu fl-appoġġ lill-Istati Membri bir-ritorni. Id-**diġitalizzazzjoni tar-ritorni** se tkompli l-ħidma biex tiġi mmodernizzata s-sistema Ewropea komuni ta' ritorn.

Sistema Ewropea ġdida ta' komunikazzjoni kritika se tgħaqqad is-servizzi tal-pulizija, tattifi tan-nar u tal-emerġenza bejn il-fruntieri, filwaqt li ssaħħaħ il-koordinazzjoni fil-kriżijiet. Se nipproponu wkoll li nsaħħu l-**Europol**. Barra minn hekk, se nsaħħu l-qafas legali dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, kif ukoll nieħdu miżuri biex **niproteġu aħjar lit-tfal kontra l-kriminalità**, kemm online kif ukoll offline. Se nippreżentaw ukoll miżuri ġodda għall-**ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin**.

L-attrazzjoni u ż-żamma tat-talent internazzjonali se jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-UE, isaħħu n-negozji ġodda tagħna u jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema. Minn inizjattivi reċenti bħal Choose Europe u l-istrateġija ta' negozji ġodda u li qed jespandu, għal azzjonijiet futuri bħall-istrateġija tal-viża, se nagħmlu l-Ewropa aktar attraenti għal professjonisti b'talent u intraprendituri innovattivi, filwaqt li nnaqqsu l-ostakli amministrattivi.

L-appoġġ għan-nies u t-tiżiħ tal-mudell soċjali tal-Ewropa

Il-kompetittività u s-sigurtà tal-Ewropa huma l-ewwel u qabel kollox dwar in-nies, l-impjiegi, il-familji u l-għajxien tagħhom. Il-mudell uniku tas-suq soċjali tagħna, ikkaratterizzat minn standards għoljin għall-kundizzjonijiet tax-xogħol u protezzjoni soċjali u kwalità tal-ħajja b'saħħithom, jibqa' pedament tal-proġett Ewropew. Madankollu, qed tiġi sfidata dejjem aktar mit-trasformazzjonijiet demografiċi, teknoloġiċi u ekonomiċi. Biex tippreserva l-koeżjoni soċjali u l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-UE trid tinnova u timplimenta politiki li jsaħħu l-protezzjoni soċjali, filwaqt li trawwem it-tkabbir sostenibbli u tixpruna l-kompetittività.

Għalhekk huwa essenzjali li l-ħaddiema jingħataw is-setgħa jekk irridu li jkollna ekonomija kompetittiva. Huwa għalhekk li se nipproponu **Att dwar l-Impjiegi ta' Kwalità** biex niżguraw li l-impjiegi moderni jżommu l-pass mal-ekonomija moderna. U **l-Pakkett ta' mobbiltà ġusta tal-forza tax-xogħol**, inkluża l-inizjattiva tal-mobbiltà tal-ħiliet, se jagħmel il-kwalifiki aktar portabbli u jiżgura li l-ħaddiema jkunu jistgħu jaħtfu opportunitajiet ġodda kull fejn ikunu fl-UE. Il-**Pakkett dwar l-edukazzjoni** għandu l-għan li jgħammar lill-ġenerazzjonijiet futuri bil-ħiliet u l-għarfien meħtieġa biex jirnexxu f'soċjetà moderna u kompetittiva.

Huwa imperattiv li l-Ewropa tintensifika ruħha wkoll biex tindirizza l-kwistjonijiet li l-familji Ewropej jiffaċċjaw kuljum. F'dan l-ispirtu, se nippreżentaw sensiela ta' miżuri biex nindirizzaw il-kriżi tal-affordabbiltà u tal-għoli tal-ħajja li qed jiffaċċjaw l-Ewropej, bħal **inizzjattiva ġdida biex jiġu indirizzati kwistjonijiet relatati ma' kirjiet għal żmien qasir**, filwaqt li l-**Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli** se jstimula l-appoġġ pubbliku u jinċentiva l-investment privat biex tingħata spinta lill-akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli. Se naġġornaw l-għajnuna mill-Istat biex ikun possibbli għall-Istati Membri tal-UE li jappoġġaw akkomodazzjoni affordabbli b'mod aktar rapidu u sempliċi, filwaqt li l-ewwel **strateġija tal-UE kontra l-faqar** se tindirizza l-kawżi strutturali tal-esklużjoni u ssaħħaħ is-servizzi ta' appoġġ. L-istrateġija se tkun appoġġata minn **Garanzija għat-Tfal** imsaħħa li se tinkludi investimenti u riformi biex jiġi indirizzat il-faqar fost it-tfal.

Irridu niżguraw ukoll li l-ebda reġjun jew komunità ma jitħallew lura. Permezz tal-politika ta' koeżjoni tal-UE, li hija essenzjali għall-kompetittività, it-tkabbir u r-reżiljenza tar-reġjuni tagħna, se nippreżentaw diversi strateġiji territorjali, b'enfasi fuq ir-**reġjuni ultraperiferiċi** u r-**reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant**, u **Komunikazzjoni dwar il-gżejjer u l-komunitajiet kostali**.

Irridu niżguraw ukoll li ż-żgħażaġh jingħataw l-opportunitajiet li jeħtieġu biex jirnexxu u li jingħataw is-setgħa li jkollhom rwol sħiħ fid-demokrazija tagħna. Huwa għalhekk li kull Membru tal-Kulleġġ se jkompli bid-Djalogi tiegħu dwar il-Politika taż-Żgħażaġħ, u għaliex l-ewwel laqgħa tal-Bord Konsultattiv taż-Żgħażaġħ għall-President se tiżgura li l-vuċi taż-żgħażaġh tinstema'. Barra minn hekk, l-**Istrateġija dwar il-ġustizzja interġenerazzjonali** se tappoġġa s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet.

Is-sostenn tal-kwalità tal-ħajja tagħna: is-sigurtà tal-ikel, l-ilma u n-natura

Provvisti tal-ikel siguri, flimkien ma' ekosistemi b'saħħithom, huma essenzjali għall-benesseri tal-Ewropa. Filwaqt li nibnu fuq l-eżitu tad-Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Agricoltura u l-Viżjoni attwali għall-Agricoltura u l-Ikel, inkluż il-fluss ta' ħidma dwar l-ekwivalenza, se nintroduċu miżuri biex insaħħu l-kompetittività tal-bdiewa u tal-katina agroalimentari, nappoġġaw il-komunitajiet rurali u nissimplifikaw aktar ir-regoli dwar l-agricoltura.

Biex insaħħu aktar il-pożizzjoni tal-bdiewa u niżguraw il-provvista ta' ikel Ewropew ta' kwalità għan-nies madwar l-UE, se nniedu **kampanja ġdida ixtri ikel Ewropew**. Se **naġġornaw ukoll ir-regoli dwar il-prattiki kummerċjali inġusti fil-katina alimentari**,

inżidu t-trasparenza, nappoġġaw il-kooperazzjoni u l-bini tal-kapaċità u niżguraw iċ-ċertezza legali. Dan se jistabbilixxi wkoll il-prinċipju li l-bdiewa ma għandhomx jiġu mġiegħla jbigħu l-prodotti tagħhom b'mod sistematiku taħt il-kostijiet tal-produzzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni żiedet id-diplomazija ekonomika agroalimentari, id-djalogi ta' sħubija u l-ftehimiet, u se taħdem fuq allinjament aktar b'saħħtu tal-istandards tal-produzzjoni fil-livell multilaterali.

L-Istrateġija għall-Bhejjem se trawwem il-kompetittività, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-settur tal-bhejjem u tal-katina agroalimentari tal-UE, filwaqt li **l-Viżjoni 2040 għas-sajd u l-akkwakultura** se tagħti spinta lill-kompetittività u s-sostenibbiltà f'dawn is-setturi, u **l-Att dwar l-Oċeani** se jiggwida l-governanza Ewropea tal-oċeani.

Se nkomplu għaddejjin bl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma bi **Pjan ta' Azzjoni Diġitali u Pjattaforma għar-Reżiljenza tal-Ilma** biex nimmobilizzaw l-atturi kollha, nixprunaw l-effiċjenza fl-użu tal-ilma u nsaħħu l-kompetittività tas-settur.

Se niżguraw li t-tnejn għall-impatti klimatiċi ssir karatteristika permanenti tal-politika tal-UE inkluż permezz ta' **ġestjoni mtejba tan-nirien fil-foresti**, filwaqt li niproteġu l-ekosistemi ewlenin u ninvestu fil-kapital naturali.

Ir-rispett tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-protezzjoni tal-valuri tagħna

Il-libertajiet li niddependu fuqhom huma bbażati fuq il-valuri komuni, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali tagħna. Iż-żieda fl-estremiżmu, id-diżinformazzjoni, l-attakki ċibernetiċi u l-indhfil barrani jimminaw il-fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi tagħna u l-integrità elettorali.

Neħtieġu ċiklu annwali integrat dwar l-istat tad-dritt – ritmu komuni u stadji importanti ċari – b'opportunità għall-istituzzjonijiet kollha biex jikkontribwixxu. U **r-rispett għall-Istat tad-dritt huwa rekwiżit għall-fondi kollha**: bil-baġit fit-tul li jmiss, ipproponjna salvagwardji b'saħħithom dwar l-istat tad-dritt kif ukoll inċentivi pożittivi għar-riformi, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet fir-rapporti annwali dwar l-istat tad-dritt.

F'xi komunitajiet madwar l-Ewropa, il-midja tradizzjonali qed tbat. Dan joħloq theddida serja għad-demokrazija tagħna minħabba li meta l-media indipendenti tiġi żarmata jew newtralizzata, id-diżinformazzjoni tirnexxi. Iċ-ċittadini infurmati li jistgħu jafdaw dak li jaqraw u jisimgħu huma essenzjali biex iżommu s-setgħa li jagħtu kont ta' għemilhom, jimmonitorjaw il-korruzzjoni u jippreservaw id-demokrazija. Huwa għalhekk li se nżidu l-ħidma tagħna biex **nappoġġaw u niproteġu l-media u l-istampa indipendenti tagħna**. Se nniedu **Programm ġdid għar-Reżiljenza tal-Media** biex nappoġġjaw il-ġurnaliżmu indipendenti u l-litteriżmu fil-media. Ipproponjna wkoll li nagħtu spinta sinifikanti lill-finanzjament għall-media bħala parti mill-baġit li jmiss.

Irridu niżguraw ukoll li l-ambjent online jkun sikur, ġust u li jagħti s-setgħa sabiex in-nies ikunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu mit-teknoloġija. Fl-istess ħin, irridu nagħmlu l-almu tagħna biex niproteġu lin-nies online, speċjalment l-iżgħar membri tas-soċjetà tagħna. Se nħarsu mill-qrib lejn il-problemi li jolqtu ż-żgħażaġh, b'mod partikolari **t-tfal** u l-media soċjali,

filwaqt li nibnu fuq rakkomandazzjoni tal-**Panel ta' esperti**. B'segwitu għall-approċċ komprensiv tagħna għas-**saħħa mentali** se nikkunsidraw l-impatti usa' tal-media soċjali u l-ħin eċċessiv tal-iskrin fuq is-saħħa u l-benesseri mentali. L-**Att dwar l-Ekwità Diġitali** se jindirizza prattiki inġusti u qarrieqa pendenti tal-konsumatur, filwaqt li l-**Pjan ta' Azzjoni kontra l-bullying ċibernetiku** se johlq ambjenti online aktar sikuri għaż-żgħażaġh.

Id-demokrazzi jirnexxu meta jkunu appoġġati minn sistemi ġudizzjarji u korpi tal-infurzar tal-liġi indipendenti u effettivi. Dawn iridu jkunu protetti mill-korruzzjoni, id-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni. F'dak il-kuntest, se nippreżentaw l-**istrateġija l-ġdida tal-UE Kontra l-Korruzzjoni**. B'mod parallel, ir-rieżami komprensiv tal-**arkitettura tal-UE kontra l-frodi** se jsahha is-sorveljanza u l-obbligu ta' rendikont.

L-**Istrateġija dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri** u l-**istrateġija aġġornata għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità** se jsahha l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni fl-oqsma kollha tas-soċjetà.

Ewropa globali

F'dinja inċerta, l-Ewropa trid tipproġetta l-istabbiltà, il-ġustizzja u s-saħħa, u l-impenn tagħna għall-ordni bbażat fuq ir-regoli. Se nittraduċu l-**qafas kummerċjali l-ġdid bejn l-UE u l-Istati Uniti** f'opportunitajiet konkreti għan-negozji tagħna, filwaqt li niżguraw aċċess kontinwu għall-esportazzjonijiet tal-UE lejn is-suq tal-Istati Uniti u nippreservaw il-ktajjen tal-valur integrati, filwaqt li nissalvagwardjaw l-impjiegi u l-istandards regolatorji tagħna. Il-qafas jipprovi wkoll pedament għal aktar kooperazzjoni, inkluż dwar it-tnaqqis tat-tariffi fuq aktar prodotti, l-indirizzar ta' ostakli mhux tariffarji u t-tisħiħ tal-kollaborazzjoni tagħna dwar is-sigurtà ekonomika. Fl-istess ħin, qed inkomplu nrawmu **s-sħubijiet strateġiċi tagħna** u niddefinixxu l-pożizzjoni globali tagħna. Wara l-konklużjoni ta' mewġa ġdida ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles mal-Mercosur, il-Messiku, l-Iżvizzera u l-Indoneżja, se nkomplu nspandu dan in-network permezz ta' negozjati mal-Indja, il-Malasja, it-Tajlandja, l-Emirati Għarab Magħquda u l-Filippini. Se nibnu wkoll sħubijiet aktar b'saħħithom dwar il-kummerċ, it-trasport, l-enerġija u d-diġitali permezz ta' aġenda ta' konnettività transreġjonali, inkluż bejn l-Ewropa u l-Asja Ċentrali permezz tal-Baħar l-Iswed u l-Kawkasu tan-Nofsinhar.

L-UE se tkompli tappoġġa bis-sħiħ lill-**Ukrajna**, billi tipprovi appoġġ sod għall-ħtiġijiet finanzjarji u militari urġenti tagħha u l-isforzi ta' rikostruzzjoni, filwaqt li żżomm u tespandi s-sanzjonijiet immirati biex idgħajfu l-magna tal-gwerra Russa. Fl-istess ħin, l-UE se tgħin lill-Ukrajna tavvanza fit-triq Ewropea tagħha, filwaqt li tiżgura li l-progress fl-integrazzjoni jimxi id f'id mal-governanza tajba u l-istat tad-dritt.

Is-sena d-dieħla, se nintroduċu l-**Patt tagħna għall-Mediterran** biex nibnu sħubijiet komprensivi ffukati fuq l-investment sostenibbli, l-istabbiltà ekonomika, l-impjiegi, l-enerġija nadifa, it-trasport, is-sigurtà, il-migrazzjoni u oqsma oħra ta' interess reċiproku. Se nappfondixxu wkoll il-ħidma tagħna biex nippromwovu r-rwol tal-UE fil-Viċinat tan-Nofsinhar, filwaqt li ninvolvu ruħna mal-komunitajiet lokali biex nenfasizzaw il-kontribut tal-UE u niġġieldu n-narrattivi kontra l-UE.

Fil-Lvant Nofsani, l-UE se tkompli tappoġġa u tikkontribwixxi b'mod attiv għall-konsolidazzjoni ta' stabbiltà dejjiema fir-reġjun. Se nippreżentaw **strateġija għal-Lvant Nofsani**, filwaqt li niffukaw fuq l-appoġġ għad-demokrazija inklużiva u li tiffjorixxi fis-Sirja u fil-Libanu. Filwaqt li tirrikonoxxi li l-prijorità immedjata f'Gaza hija li jiġi żgurat li biżżejjed għajnuna umanitarja tasal għand il-popolazzjoni, l-UE se tikkontribwixxi wkoll billi tipprovdi appoġġ għall-governanza u r-riforma tal-Awtorità Palestinjana u tiffinanzja r-rikonstruzzjoni, inkluż billi tlaqqa' l-Grupp ta' Donaturi tal-Palestina u billi ssaħħa il-preżenza tal-missjonijiet tal-PSDK tal-UE tagħha.

L-Ewropa se tmexxi wkoll ir-riforma tas-**sistema globali tal-għajnuna umanitarja**, filwaqt li tiżgura azzjoni kollettiva aktar rapida u aktar effettiva fi żminijiet ta' kriżi. L-UE se tibqa' difensur u promotur qawwi tad-dritt umanitarju internazzjonali u l-għajnuna umanitarja bbażata fuq il-prinċipji.

Barra minn hekk, biex niżguraw li jkollna l-għodod u l-mekkaniżmi meħtieġa biex nirreaġixxu malajr għal theddid emerġenti possibbli għas-saħħa, se nadottaw l-**Inizjattiva dwar ir-reżiljenza tas-saħħa globali**.

Tħejjija għall-Unjoni ta' għada

Biex twettaq dawn l-ambizzjonijiet, l-UE trid tgħammar lilha nnifisha b'baġit modern, flessibbli u ffinanzjat tajjeb. Il-**Qafas Finanzjarju Pluriennali** propost ta' EUR 2 triljun għall-2028 sal-2034 se jappoġġa l-kompetittività, id-dekarbonizzazzjoni, is-sigurtà, il-koeżjoni u l-missjoni globali tal-Ewropa.

Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali ġodda se jżidu s-sinerġiji bejn il-politiki attwali b'appoġġ għall-prijoritajiet Ewropej, u b'hekk isaħħu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Il-Fond Ewropew għall-Kompetittività se jixpruna l-innovazzjoni industrijali u jsahha il-ktajjen tal-provvista. L-Ewropa Globali se ssaħħa il-pożizzjoni tal-UE bħala sieħeb affidabbli filwaqt li tippromwovi l-interessi strateġiċi tal-UE madwar id-dinja.

Se nimxu 'l quddiem fit-triq tat-tkabbir filwaqt li niffaċilitaw l-integrazzjoni gradwali tas-sahab tat-tkabbir f'oqsma ta' politika differenti. Dalwaqt se nippreżentaw **ir-rieżamijiet tal-politika ta' qabel it-tkabbir** tagħna li se jiggwidaw it-triq għall-futur tal-Unjoni tagħna - filwaqt li niżguraw l-istat ta' tħejjija f'oqsma bħall-istat tad-dritt, l-enerġija, is-sigurtà tal-ikel, id-difiża u l-migrazzjoni.

3. Regoli aktar sempliċi, twettiq aktar b'saħħtu

Regolamentazzjoni aktar sempliċi u implimentazzjoni bla xkiel tar-regoli tal-UE huma strumentali għal Ewropa aktar kompetittiva u attraenti.

Il-programm ta' ħidma tal-2026 se jkompli jibni l-momentum ta' simplifikazzjoni. Il-Kummissjoni diġà ressqet proposti omnibus u proposti oħra ta' simplifikazzjoni li għandhom l-għan li jiffrankaw aktar minn EUR 8,6 biljun fis-sena għan-negozji Ewropej. Aktar minn nofs l-inizjattivi leġiżlattivi tal-programm ta' ħidma se jiffukaw fuq li l-liġi tal-UE ssir eħfef, aktar ċara u aktar faċli biex tiġi implimentata.

Se nkomplu l-ħidma tagħna biex innaqqsu l-piżijiet amministrattivi b' 25 % b'mod ġenerali u b' 35 % għall-SMEs - mingħajr ma nnaqqsu l-istandards. Sensiela ġdida ta' inizjattivi ta' simplifikazzjoni u pakketti omnibus se jissimplifikaw il-ħajja għan-nies u r-regoli f'oqsma ewlenin bħall-**karozzi, l-ambjent, it-tassazzjoni, is-sikurezza tal-ikel u l-għalf, l-apparati mediċi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti tal-enerġija**. Se nissimplifikaw ir-rappurtar, naċċelleraw il-ħruġ tal-permessi u nallinjaw il-leġiżlazzjoni mal-kundizzjonijiet tas-suq li qed jinbidlu. Barra minn hekk, se nkomplu nużaw l-għodod ta' konsultazzjoni l-ġodda tagħna — djalogi ta' implimentazzjoni u kontrolli tar-realtà — biex insibu aktar opportunitajiet għas-simplifikazzjoni.

Regolamentazzjoni aktar sempliċi se tgħin biex jiġu sfruttati l-innovazzjoni, l-investment u l-ħolqien tal-impjiegi. Se nimmodernizzaw il-**leġiżlazzjoni diġitali u l-protezzjoni tad-data**, nissimplifikaw l-akkwist pubbliku, naġġornaw ir-regoli għal kompetizzjoni ġusta fil-media u nirrieżaminaw ir-regoli applikabbli għas-swieq tal-media awdjoviżiva.

Il-Kummissjoni se tkompli tressaq **inizjattivi bbażati fuq l-evidenza**. Se tipproponi leġiżlazzjoni biss meta tkun meħtieġa, u tipprovdi benefiċċju massimu. Meta tagħmel dan, se tqis kif xieraq il-prinċipji tat-tfassil aħjar tal-liġijiet. Madankollu, bħar-regoli tagħna, il-**qafas tagħna għal regolamentazzjoni aħjar** irid jiġi ssimplifikat biex jippermetti Ewropa aktar sempliċi u aktar rapida. Għalhekk, il-Kummissjoni se tapplika applikazzjoni aktar rigoruża u strutturata tal-prinċipju tal-proporzjonalità f'regolamentazzjoni aħjar u se tressaq komunikazzjoni għal dak l-għan fl-ewwel nofs tal-2026. Il-Kummissjoni qed teżamina wkoll il-liġijiet tal-UE u r-regoli ta' implimentazzjoni biex tara jekk humiex meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi ta' politika u tara li ma jżidux piżijiet akkumulati u żejda.

Implimentazzjoni b'saħħitha hija vitali daqs it-tfassil tajjeb tal-liġijiet. Kull Kummissarju jirrapporta kull sena lill-Parlament u lill-Kunsill dwar il-progress f'dan il-qasam. B'mod komplementari għal dan, il-Kummissjoni qed tippreżenta flimkien ma' dan il-programm ta' ħidma **l-ewwel Rapport ta' Ħarsa Ġenerali annwali dwar is-Simplifikazzjoni, l-Implimentazzjoni u l-Infurzar**. Azzjoni ta' infurzar rapida u determinata se tiżgura li l-liġi tal-UE twassal benefiċċji b'mod ugwali fl-Istati Membri kollha.

Il-Kummissjoni tqis li huwa estremament importanti li l-istituzzjonijiet tal-UE jagħmlu l-aħjar sforzi tagħhom biex iwettqu l-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni. Il-Kummissjoni eżaminat bir-reqqa u individwalment il-proposti kollha li huma pendent għall-adozzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. F'konformità mal-ftehim interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-liġijiet, u filwaqt li titqies il-pożizzjoni tal-koleġiżlaturi, il-Kummissjoni beħsiebha **tirtira** dawk il-proposti li l-adozzjoni tagħhom ma tibqax fl-interess ġenerali fid-dawl tad-data tal-adozzjoni tagħhom, in-nuqqas ta' progress fil-proċess leġiżlattiv, il-piż potenzjali u n-nuqqas ta' allinjament mal-prijoritajiet tal-Unjoni.

4. Magħqudin fl-ambizzjoni u fl-urġenza

Il-mument tal-Ewropa huwa issa.

F'era ta' politika tal-poter u inċertezza, il-kompjaċenza mhijiex għażla. Irridu naġixxu b'għaqda, kuraġġ u konvinzjoni biex insaħħu l-kompetittività tagħna, inkunu minn ta' quddiem fl-innovazzjoni nadifa u diġitali u niżguraw is-sigurtà kollettiva tagħna. Politiki ambizzjużi jeħtieġu riżorsi u rieda politika daqstant ambizzjużi. Il-Kummissjoni tappella lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jaqblu malajr dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid u biex javvanzaw il-prijoritajiet leġiżlattivi li huma l-aktar importanti.

L-Ewropa wriet għal darb' oħra li tista' tadatta, taġixxi malajr u tibqa' magħquda. Billi napprofondixxu l-kooperazzjoni fil-livelli kollha - mill-istituzzjonijiet tal-UE sal-komunitajiet lokali - nistgħu niżguraw li l-Unjoni tagħna tibqa' b'saħħitha, sovrana u lesta għall-futur. It-tnejn tal-Unjoni Ewropea tagħna għal għada hija sforz konġunt tal-istituzzjonijiet kollha. Din hija r-raġuni għaliex din il-Kummissjoni tibqa' impenjata bis-sħiħ li tappoġġa dritt ta' inizjattiva għall-Parlament.

Flimkien, se nibnu Ewropa sigura, sinjura u indipendenti - waħda li tikseb riżultati għall-poplu tagħha u tmexxi b'kunfidenza fid-dinja tal-lum.